# IL-KAPPELLA TA' SAN PUBLJU F'TA' GĦAMMAR FL-GĦARB GĦAWDEX

Is-Saċerdot Ġużeppi Cassar f'isem in-nies tan-naħa "Ta' Għammar" distrett tar-raħal ta' l-Għarb tal-gżra t'Għawdex serv umli u sudditu ta' l-Eċċellenza Rev. ma tiegħek li f'din in-naħa kien hemm knisja żgħira ta' San Leonardu, li wara li ġiet profonata, iġġarrfet, u fil-preżent jidhru biss il-pedamenti tagħha, jixtieq li tinbena knisja żgħira u tkun iddedikata lil San Publju Isqof Martri. F'dan id-distrett tal-Għarb hemm preżentament 160 ruħ, u żewġ saċerdoti. Minħabba li t-triq għall-parroċċa (tal-Għarb) hija ħażina l-iktar meta tagħmel ix-xita n-nies ta' din in-naħa bosta drabi jibqgħu mingħajr quddiesa kemm nhar ta' xogħol, kif ukoll fil-festi. Għalhekk in-nies ta' din in-naħa li jqimu lil Alla u l-qaddisin tiegħu, għall-ġid spiritwali tagħhom jixtiequ jibnu knisja żgħira lil San Publju. Din il-knisja tkun twila 48 xiber, u 24 xiber wiesgħa. Dawn in-nies iduru lejn it-tjubija Tiegħek Eċċellenza Rev. ma biex Inti tagħtihom il-fakultà li tinbena din il-knisja tant mixtieqa, u tagħżel bħala ekonomu tal-bini u wara Viċendarju lil min qiegħed jikteb. (1).



Il-Kappella ta' San Publju minn barra

**TALBA BIEX TINBENA KAPPELLA TA' SAN PUBLJU FUQ IL-FDAL TAL-KNISJA TA' SAN LEONARDU**

Mill-Kanonku Dun Nikola Vella Apap

## IL-KAPPELLA TA' SAN PUBLJU

Din il-knisja kienet ġiet mibnija fi żmien l-Arċipriet tal-Għarb, il-Kan. Dun Salv Mizzi mir-Rabat ta' Għawdex. Kienet ġiet mibnija spejjeż tas-saċerdot Dun Ġużepp Cassar fuq il-post fejn fil-qedem kien hemm il-knisja ta' San Leonardu "Ta' Għammar" jew ta' "Wied il-Mielaħ". Il-knisja ta' San Leonardu "Ta' Għammar", hija ta' data antika ħafna. Kienet ġiet mibnija lejn is-sena 1500 mid-devozzjoni ta' Ġorġ Teuma, u kellu quddiemha ċimiterju. Fl-1654 ġiet ipprofanata minn Mons. Balageur. (2).

Ir-Rev. du Sinjur il-Pro-Vigarju Dr. Tumas Pace poġġa l-ewwel ġebla wara nofs in-nhar tas-26 ta' Lulju tal-1850. Kienet ġiet imbierka mir-Rev. du Arċipriet bħala delegat Dun Salv Mizzi fl-10 ta' Ottubru tal-1852. (3).

L-Arċipriet tal-Għarb il-Kan. Dun Pupul Refalo mir-Rabat ta' Għawdex qabel mewtu, li ġrat fit-12 ta' Diċembru tal-1848, kien ħalla lil din il-knisja legat bil-jedd li tiġi ddedikata lill-qaddis tiegħu San Publju Martri. L-Isqof tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex, Mons. Publju Sant, qabel max-xewqa ta' l-Arċipriet Refalo u ta ordni li f'din il-knisja jsir ukoll kwadru ta' San Leonardu bħala tifkira tal-knisja l-qadima li kienet iddedikata lil dan il-qaddis abbati. Dan il-kwadru sal-lum għadu ma sarx. (4).

L-artal tal-knisja ta' San Publju Martri kien sar ta' l-irħam fis-sena 1939 u ħallas għalih Pupul Cini li huwa minn "Ta' Għammar". F'din il-knisja nsibu wkoll il-qabar b'lapida tal-mużajk ta' Dun Franġisk Mercieca mill-Għarb. (5).

Jingħad li l-kwadru ta' San Publju ġie mogħti mill-familja Monpalao



Il-Kappella minn ġewwa

## *IL-KAPPELLA TA' SAN PUBLJU F'TA' GĦAMMAR, FL-GĦARB, GĦAWDEX* *(minn paġna 10 )*

lill-Arċipriet tal-Għarb bil-patt li l-kappella l-ġdida t'Għammar tissemma għal dan il-qaddis. Din il-knisja għandha żewġ qniepen li żżanżnu fis-16 ta' April tas-sena 1967 bl-isem ta' Pawla u Publja. (6).

Iz-zokklu u l-art huma ċċangati bil-madum tal-mużajk. Fil-ġenb hemm niċċa żgħira bil-Madonna ta' Lourdes u statwetti ta' l-Ecce Homo u tal-Madonna tal-Legion of Mary. Barra l-kwadru titulari hemm oħrajn ta' Sant' Antnin ta' Padova, tad-Duluri, l-Assunzjoni u l-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Hemm sagristija żgħira, Via Crucis, bankijiet għall-fidili, u kull ma jinħtieġ għall-quddiesa. (7).

Ir-Rettur ta' din il-knisja huwa l-Arċipriet tal-Kolleġġjata, Matriċi, u Bażilika tal-Għarb. Il-Viċi-Rettur ta' din il-knisja huwa Mons. Onor. Dun Beneditt Camilleri, ir-Rettur ukoll tas-Santwarju Nazzjonali u Bażilika tal-Madonna ta' Pinu. Ta' kull sena l-Kapitlu tal-Għarb meta tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Publju Martri l-Ewwel Isqof ta' Malta, imur ikanta t-Tieni Għasar u wara ssir quddiesa kantata bil-paniġierku dwar dan il-qaddis Isqof Martri.

F'Għawdex ukoll San Publju Martri għandu wkoll qima fi knisja żgħira mitlufa fis-skiet tal-ġmiel tal-kampanja Għawdxija, li ġmielha jsaħħar lill-barrani li jiġi jżurha matulek ja sena.

REFERNZI


1. A.E.G. ricorsi. Vol. 1
2. Achille Ferres. Descrizione Storica Delle Chiese Di Malta e Gozo (1866) p. 584.
3. Ibid. p. 584.
4. Kan. Dun Nikola Vella Apap. Kitbiet Storiċi fuq Għawdex. Ms. Vol. 3.
5. Ibid.
6. Kilin. Nistqarr. (It-tieni ktieb ta' Kappelli u Knejjes żgħar). (1968) p. 83.
7. Ibid. pp. 83, 84, 85.



APC
A.P.C.
TRAVEL BUREAU
LIMITED

Organise your travel requirements with us

47, MAIN STREET,
RABAT RBT 02,
MALTA

TEL: (+356) 451158
(+356) 451159
FAX: (+356) 450597